# IL-BAŻILKA L-ĠDIDA TAL-LUNZJATA F'NAZARET

Bħal ma kien inkiteb darba f'dan il-Qari, u kif kien imxandar fl-aħbarijiet mill-B.B.C. ta' Londra, il-Franġiskani tat-Terra Santa sejrin jibnu Bażilka kbira — l-akbar waħda tax-Xerq Nofsani jew *Middle East* — fuq l-imkien fejn kienet id-Dwejra tal-Madonna, f'nofs il-belt ta' Nazaret, flok il-knisja żgħira u ordinarja li kien hemm qabel. Il-pjanta tal-Bażilka l-ġdida kienet mgħoddija l-ewwel mill-Vatikan, imbagħad mill-Ħakma Lhudija li taħtha jinsab Nazaret. In-nefqa għandha tkun ta' ma' dwar £700,000 (seba' mitt elf lira).



*Mudell, maħdum mill-Inġinier Taljan Antonio Barluzzi, tal-Bażilka tal-Lunzjata, li kien bi ħsiebu jibni fuq il-fdâl tad-dar tal-Madonna ġewwa Nazaret. Dan il-Mudell ma ngħoġobx mill-"Board" tal-Vatikan, u kellu jitbiddel. L-inġinier Barluzzi, ftit fuq din il-ġrajja miet, kif ħabbarna f'dan il-Qari fil-ħarġa ta' April-Ġunju* 1961, *p.* 58.

F'Mejju għamnewwel il-Franġiskani stiednu tliet ditti tal-bini Lhud, "Solel Boneh", Offer", u "Remet" biex jekk iridu jibgħatu l-offerta tagħhom għal bini ta' dil-Bażilka, fuq il-pjanta li ngħatatilhom maħduma mill-Arkitett Taljan Giovanni Muzio u l-Assistent tiegħu l-Arkitett Lewcovicz. Wara xi xhur l-offerti waslu għand il-Franġiskani u nfetħu Ġerusalem quddiem ir-Rev.mu Patri Kustodju tat-Terra Santa, Patri Alfredu Polidori O.F.M., u l-kbarat jew *Diskreti*, Franġiskani, ta' ma' dwaru, u wkoll l-Arkitett Lewcovicz. Wara li kienu mistħarrġa l-offerti kollha u studjati bir-reqqa, inbagħtu Milan għand l-Arkitett il-kbir, il-Professur Giovanni Muzio, li wara li fliehom sewwa, laqa' l-offerta tad-ditta "Solel Boneh". Qabel kollox imma l-Patri Kustodju għamel lid-ditta dawn it-tliett ixrût jew *pattijiet*: (a) li jitħaddmu ħaddiema minn Nazaret; (b) li l-ħaġar għal bini jinqata' mill-qrib, u (c) li ma jsirx xogħol fil-Ħdud u l-Btajjel tal-Insara.

Id-ditta ferħet bil-għażla tagħha u stqarret li dan kien ġiħ kbir għaliha u laqgħet bla tlaqliq dawn il-pattijiet ma' oħrajn, u hekk il-kuntratt kien iffirmat miż-żewġ naħat qud-

diem ix-xhieda. U issa l-aqwa ħaġa, jiġifieri IX-XOGĦOL TAL-BAŻILKA BEDA, u miexi tajjeb wisq, għad li nqala' xi ftit tat-tfixkil, li ma għandniex xi ngħidu, kien megħlub bir-rieda tajba.

Il-wesgħa fejn tielgħa l-Bażilka hija miżgħuda bil-ħaddiema, jaħdmu bil-qalb u għalanija. Kif sar il-ftehim minn ħafna snin 'l hawn (għax sa mis-sena 1921 kien qiegħed jinħaseb għal bini ta' dil-Bażilka) huma biżżejjed biex iseħħ il-bini tal-knisja ta' taħt biss, jiġifieri: *ma għandhomx flus* biex itemmu wkoll il-bini tal-knisja ta' fuq. Imma għad li ma għandhomx *biżżejjed flus*, għandhom *biżżejjed tama* fil-Madonna li bit-



*Kif sa tkun il-Bażilka tal-Lunzjata f'Nazaret. Disinn ġdid magħmul mill-Inġinier Taljan Giovanni Muzio, mgħoddi mill-Vatikan u mill-"Board" tal-Estetka ta' Israel. Il-bini sa jiswa ma' dwar is-700,000 lira sterlina. Ix-xogħol inbeda u sejjer tajjeb wisq.*

żmien sentejn għandha tkun mibnija u miftuħa għal kult il-Knisja ta' taħt (għax il-Bażilka sa tkun bi tnejn, knisja fuq l-aktar għall-funzjonijiet u knisja taħt, l-aktar għad-devozzjoni fejn għadha tinsab il-Grotta Mqaddsa li kienet tagħmel sehem mid-Dwejra tal-Madonna).

Il-flus li ġemmgħu l-Franġiskani talb tagħha, Alla jmiss il-qalb ta' dawk l-Insara li jistgħu biex bil-għajnuna tagħhom tfittex tinbena Bażilka xierqa fuq il-Grotta fejn Hi kienet tgħammar fid-dinja mal-Iben Divin u l-Għarus Qaddis tagħna, bla ma jinqata' x-xogħol.

Fra ZARENU O.F.M.